

**Brussell, 31 ta' Mejju 2024
(OR. en)**

10404/24

**CLIMA 216
ENV 562
SAN 306
AGRI 444
FORETS 153
ENER 258
TRANS 252
ECOFIN 610
PROCIV 45**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Klimatiċi – Skambju ta' fehmiet

1. Biex tiggwida l-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tas-17 ta' Ġunju 2024, il-Presidenza ħejjiet in-nota u l-mistoqsijiet meħmuża għall-Ministri.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota tan-nota u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jgħaddihom lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Klimatiċi**- Skambju ta' fehmiet -****Introduzzjoni**

Ir-rapport ta' Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA)¹ ippubblikat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent fil-11 ta' Marzu 2024 huwa tfakkira ċara dwar il-pass mgħaġġel tat-tibdil fil-klima u s-severità tal-impatti tiegħu. Is-sena 2023 kienet l-aktar sena sħuna rreġistrata fl-ivell dinji u fl-Ewropa t-tisħin qed iseħħ darbtejn aktar malajr mill-medja dinjija. Dan juri wkoll li t-tibdil fil-klima huwa multiplikatur tar-riskju u l-effett kaskata tar-riskji klimatiċi jista' jwassal għal sfidi sistemiċi li jaffettwaw soċjetajiet sħaħ, bi gruppi soċjali vulnerabbli affettwati b'mod partikolari. Dan jagħmilha ċara li l-ixprunaturi tar-riskju klimatiku qed jaċċelleraw, li diversi riskji klimatiċi diġà jinsabu fl-ivell kritiku, u li kważi kollha jistgħu jsiru kritiċi jew katastrofiċi f'dan is-seklu. Skont l-EUCRA, l-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex inaqqsu r-riskji klimatiċi fl-Ewropa b'mod effettiv. Il-biċċa l-kbira tar-riskji klimatiċi ewlenin identifikati għall-Ewropa huma "koproprietà". Dan ifisser li l-politiki li huma kruċjali għall-mitigazzjoni tar-riskji klimatiċi jaqgħu taħt il-kompetenzi kondiviżi tal-UE jew oqsma ta' kompetenza multipli taħt l-awspiċċi kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri. F'ħafna każijiet, dan jinvolve li l-UE tipprovdi qafas politiku filwaqt li l-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà għat-tfassil tal-approċċi ta' implimentazzjoni. Iż-żieda rapida tar-riskji klimatiċi madwar l-Ewropa tista' tirrikjedi modi ġodda ta' kooperazzjoni fil-livelli kollha ta' governanza biex jinkiseb progress tanġibbli u li jista' jitkejjel fit-tnaqqis tal-aktar riskji klimatiċi urġenti. Approċċi bħal dawn jistgħu jiġu bbażati fuq esperjenzi mal-Missjoni tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u strumenti u politiki rilevanti oħra tal-UE.

¹ <https://www.eea.europa.eu/publications/european-climate-risk-assessment>

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi – nipproteġu l-poplu u l-prosperità"², ippublikata fit-12 ta' Marzu 2024, twieġeb għar-rapport tal-EUCRA. Il-komunikazzjoni tiffoka fuq azzjonijiet ewlenin li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jieħdu biex jimmaniġġjaw aħjar ir-riskji klimatiċi li qed jiżdiedu fl-oqsma ewlenin tal-impatt tal-ekosistemi naturali, l-ilma, is-saħħa, l-ikel, l-infrastruttura, u l-ekonomija. Il-komunikazzjoni tistabbilixxi wkoll il-kostijiet tar-riskji klimatiċi u tenfasizza l-ħtieġa għal investimenti rapidi. Il-Komunikazzjoni tindika li skont stima konservattiva l-impatti klimatiċi li se jrin għall-agħar jistgħu jnaqqsu l-PDG tal-UE b'madwar 7% sal-aħħar tas-seklu. Jekk it-tisħin globali jmur b'mod aktar permanenti lil hinn mil-limitu ta' 1,5 °C tal-Ftehim ta' Pariġi, it-tnaqqis addizzjonali kumulattiv fil-PDG għall-UE kollha kemm hi jista' jammonta għal EUR 2,4 triljun fil-perjodu mill-2031 sal-2050. Id-danni annwali fl-Ewropa mill-għargħar kostali jistgħu jaqbz u l-EUR 1,6 triljun sal-2100, bi 3,9 miljun persuna esposti għall-għargħar kostali kull sena.

Diġà sar progress sinifikanti fit-tisħiħ tar-reżiljenza għar-riskju klimatiku fil-**qafas ta' politika tal-UE** mill-adozzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-Istrateġija ta' Adattament tal-UE tal-2021. Madankollu, minkejja l-progress, it-tħejjija tal-politika tal-UE mhijiex qed tlaħħaq mal-veloċità li biha r-riskji klimatiċi qed jikbru, jeħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu aktar dwar l-aspetti ta' governanza, is-sensibilizzazzjoni, il-ġustizzja u r-reżiljenza ġusta, il-finanzjament, u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

Il-komunikazzjoni ssemmi **erba' kategoriji globali ta' soluzzjonijiet** biex jittejjeb l-indirizzar tar-riskji klimatiċi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fl-Istati Membri:

- **Governanza mtejba** permezz tal-identifikazzjoni tas-sjieda tar-riskju u l-inkoraġġiment ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.
- **Għodod għas-sidien tar-riskju u aċċess għal data solida** biex jiżdied il-fehim tar-rabtiet bejn ir-riskji klimatiċi, l-investimenti u l-istrateġiji ta' finanzjament fit-tul.

² Dok. 7732/2024

- **Użu tal-politiki strutturali eżistenti tal-Istati Membri u l-mekkaniżmi ta' solidarjetà tal-UE** għall-ġestjoni tar-riskji klimatiċi.
- **Prekundizzjonijiet tajbin għar-reżiljenza finanzjarja** billi l-infiq pubbliku u l-inċentivi għall-investiment privat jitfasslu b'mod li jimmobilizza biżżejjed fondi u jagħmel il-prevenzjoni ta' tfixkil u l-ħsarat relatati mal-klima l-aħjar għażla ekonomikament, flimkien ma' integrazzjoni aħjar tar-riskji klimatiċi fil-proċessi baġitarji nazzjonali³.

Il-komunikazzjoni tistabbilixxi wkoll **azzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskji f'sitt raggruppamenti milquta: l-ekosistemi naturali, l-ilma, is-saħħa, l-ikel, l-infrastruttura u l-ambjent mibni, u l-ekonomija**. Għal din tal-aħħar, tenfasizza li d-diżastri relatati mat-tibdil fil-klima ser ipoġġu pressjoni addizzjonali fuq l-ekonomija permezz ta' telf fil-produttività u l-ħajja, ħsara diretta, tnaqqis fil-potenzjal tat-tkabbir u pressjoni fuq il-baġits tal-gvernijiet, u li d-Direttiva li għadha kif ġiet adottata dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji nazzjonali⁴ għandha tgħin biex ittejjeb u tintegra l-ibbaġitjar tar-riskju klimatiku fil-proċessi baġitarji nazzjonali. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ biżżejjed investiment, kemm pubbliku kif ukoll privat, biex jiġu indirizzati b'suċċess ir-riskji klimatiċi u tinbena r-reżiljenza għall-klima. Meta l-investimenti jiġu ridiretti għar-rikostruzzjoni wara l-ħsarat, jitnaqqas l-ammont disponibbli għall-investiment produttiv.

³ F'dan ir-rigward, il-Grupp ta' Riflessjoni dwar kif għandu jiġi mobilizzat il-finanzjament tar-reżiljenza għall-klima, imħabbar fil-Komunikazzjoni, tnedja fl-14 ta' Mejju 2024.

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265/ tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri titlob lill-Istati Membri biex jinkludu, sa fejn ikun possibbli, fl-ippjanar baġitarju tagħhom ir-riskji makrofiskali li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-impatti ambjentali u distributtivi tiegħu. L-Istati Membri huma mitluba wkoll iqisu, sa fejn ikun possibbli, l-informazzjoni dwar il-kostijiet fiskali mġarrba minħabba xokkijiet relatati mal-klima meta jippubblikaw informazzjoni dwar obligazzjonijiet kontinġenti b'impatt potenzjalment kbir fuq il-baġits pubbliċi. Huwa madankollu rikonoxxut li r-rappurtar dwar riskji makrofiskali mit-tibdil fil-klima, obligazzjonijiet kontinġenti relatati mal-klima u kostijiet fiskali tad-diżastri qed jitjieb iżda għadu fi stadju inizjali, fejn metodoloġiji u indikaturi għal tali rappurtar għadhom qed jiġu żviluppati.

Il-qagħda bħalissa

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ġiet ippreżentata għall-ewwel darba lill-Ministri fil-**Kunsill (Ambjent)** fil-25 ta' Marzu 2024. Fid-dawl tan-natura transsettorjali tal-Komunikazzjoni u r-rapport tal-EUCRA, il-Presidenza Belġjana assoċjat b'mod attiv formazzjonijiet rilevanti oħra tal-Kunsill f'diskussjonijiet fil-livell tekniku, inkluż **l-enerġija, il-protezzjoni ċivili, it-turiżmu, il-finanzi u l-baġit, is-saħħa, l-industrija u l-agrikoltura**. Id-diskussjonijiet urew li **l-urġenza tar-riskji klimatiċi** u ż-żieda fil-**kostijiet tan-nuqqas ta' azzjoni** huma rikonoxxuti b'mod wiesa'. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet jikkondividu l-fehma li huwa meħtieġ **rispons politiku sistemiku fl-oqsma politiċi rilevanti kollha**, inkluż fil-livell tal-UE. Matul id-diskussjonijiet, ġew **enfasizzati l-elementi** li ġejjin: **ħtieġa għal koordinazzjoni u kollaborazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u bejn is-setturi**, inkluż dwar il-monitoraġġ u l-aċċess għad-data; l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż il-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni; il-ħtieġa li ssir **ħidma fuq finanzjament adegwat**; u r-rwol vitali tal-ilma. **Konfigurazzjonijiet tal-Kunsill** differenti **rrikonoxxew** ukoll il-ħtieġa li jitqiesu r-**riskji klimatiċi**, inkluż ir-reżiljenza u t-tħejjija għar-riskji, fis-setturi rispettivi tagħhom meta **jżviluppaw politiki u miżuri**, bħala riżultat ta' diskussjonijiet f'oqsma politiċi differenti, inkluż l-ispazju, ir-riċerka, il-kompetittività u l-industrija, u l-enerġija⁵.

⁵ Ara pereżempju: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 'It-tisħiħ tal-kompetittività tal-Ewropa permezz tal-ispazju tat-23 ta' Mejju 2024 (dok. 10142/24); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 'It-Tisħiħ tal-valorizzazzjoni tal-għarfien bħala għodda għal industrija reżiljenti u kompetittiva u għal awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa fl-Ewropa' tat-23 ta' Mejju 2024; Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 'Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna' tal-24 ta' Mejju 2024 (dok. 10127/24); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 'Suq Uniku għall-benefiċċju ta' kulħadd' tal-24 ta' Mejju 2024 (dok. 10298/24); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 'L-Iżvilupp ta' Infrastruttura tal-Grilja tal-Elettriku Sostenibbli' tat-30 ta' Mejju 2024 (dok. 10459/24). Għandu jiġi nnotat ukoll li d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Ewropa Soċjali, li saret matul il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali organizzata mill-Presidenza Belġjana fil-15 u s-16 ta' April 2024, enfasizzat l-importanza li titħeġġeġ il-prevenzjoni ta' perikli speċifiċi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima.

Mistoqsijiet għall-Ministri

- *Taqbel li ż-żieda rapida tar-riskji klimatiċi madwar l-Ewropa tista' tirrikjedi modi ġodda ta' kooperazzjoni fil-livelli kollha ta' governanza, inkluż il-livell tal-Unjoni?*
 - *X'miżuri ddaħħlu fis-seħħ fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali tiegħek biex jittejjeb l-ippjanar tal-baġit? Liema għodod metodoloġiċi u informattivi għadhom meħtieġa biex jitrawmu riformi u investimenti li jsaħħu r-reżiljenza?*
-